# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 10 ta' Diċembru 2020**

Appell numru 125 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Alex VELLA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-13 ta' Lulju 2020 fil-konfront ta' Alex VELLA, karta tal-identità bin-numru 500283(M) li ġie mixli talli mix-xahar ta' Novembru 2019 sa Jannar 2020 fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, naqas milli jagħti lil Josephine Vella is-somma iffissata mill-Qorti jew stipulata f'kuntratt bħala

manteniment għal uliedu u/jew martu fi żmien ħmistax il-jum minn dak li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas dik is-somma.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant mhux ħati u illiberatu fuq nuqqas ta' provi wara li qieset li l-parte civile, għalkemm debitament mgħajjta diversi drabi baqgħet ma dehritx.

3. Illi minn din is-sentenza l-Avukat Ġenerali interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skont il-Liġi u dan għar-raġunijiet segwenti :

   i. Waqt is-seduta is-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 il-Qorti tal-Maġistrati għaddiet għas-sentenza tagħha fin-nuqqas tax-xiehda tal-parte civile minħabba li din ma dehritx meta ssejħet il-kawża. Irriżulta li fis-seduta preċedenti tas-6 ta' Lulju 2020 il-parte civile kienet deheret assistita u għalkemm matul dik is-seduta ma xehditx, dik is-seduta ġiet differita għat-13 ta' Lulju 2020 fis-sagħtejn għall-aħħar darba.
   ii. Illi meta fit-13 ta' Lulju 2020 l-appellanta issejħet fl-10:37, il-parte civile ma dehritx. Minħabba f'hekk id-Difiża talbet il-liberatorja. Il-Qorti laqgħet it-talba u pproċediet biex illiberat lill-appellat minħabba nuqqas ta' provi. Iżda fis-1400 deheret il-parte civile u rriżultalha li l-kawża kienet diġa ġiet deċiża.

iii. Illi mill-atti irriżulta li l-parte civile kienet notifikata għas-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 seduta stante. Irriżulta wkoll pero li l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 il-kawża kienet ġiet differita għat-13 ta' Lulju 2020 fis-0200.

iv. Illi x-xiehda tal-parte civile kienet waħda indispensabbli għall-Prosekuzzjoni. Fit-13 ta' Lulju 2020 il-parte civile ma dehritx fil-ħin meta ssejħet il-kawża minħabba l-fatt li fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 dik is-seduta kienet ġiet differita għas-1400 tat-13 ta' Lulju 2020. Il-parte civile imbagħad deheret għas-seduta fis-1400 tat-13 ta' Lulju 2020 kif kienet ordnata tagħmel fis-seduta preċedenti seduta stante.

v. B'hekk jiġi li l-Qorti tal-Maġistrati għaddiet għas-sentenza tagħha mingħajr ma semgħet lil din ix-xhud indispensabbli għall-prosekuzzjoni.

vi. Ir-rimedju li l-Qorti tal-Maġistrati kellha f'dan il-każ ma kienx li tilqa t-talba tad-Difiża għall-liberatorja, iżda li, ġaladarba x-xhud parte ċivile kienet debitament notifikata personalment bid-data u l-ħin tas-seduta, hija kellha tiddifferixxi l-kawża għal ġurnata oħra u dan peress li l-Prosekuzzjoni ma kienetx irrinunzjat għal dik ix-xhud, li kienet indispensabbli għall-kawża tal-prosekuzzjoni.

*Ikkunsidrat*

4. Illi f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali għandu, sostanzjalment, raġun. Jirriżulta li l-parte civile kienet debitament notifikata għas-seduta

tas-6 ta' Lulju 2020 u kienet ukoll kemm preżenti kif ukoll assistita legalment. Għal raġuni li ma ġietx verbalizzata mill-Qorti ma jirriżultax li l-parte civile xehdet f'dik is-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 minkejja li hija kienet preżenti. Din il-Qorti rat li l-verbal tas-seduta jgħid li l-appellat f'dik is-seduta ma kienx assistit. B'hekk din il-Qorti tifhem li l-Qorti tal-Maġistrati kienet prudenti biżżejjed li tikkonċedi differiment waħdieni sabiex meta l-parte civile tixhed quddiemha l-appellat ikun debitament assistit legalment.

5. Ġara pero li minħabba żball li jidher li huwa *lapsus calami vel computeri* x'aktarx amministrattiv, il-ħin tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 ġie erronjament indikat bħala s-0200. Għalkemm dawn il-Qrati huma bieżla u jżommu seduti f'ħinijiet diversi tal-ġurnata, rarissimu li seduti jsiru anke fil-ħinijiet ta' bil-lejl.

6. Iżda meta fit-13 ta' Lulju 2020 reġgħet issejħet il-kawża, il-Qorti tal-Maġistrati kellha tieħu konjizzjoni tal-verbal li hija kienet għamlet u fid-dawl ta' dak l-iżball li kien sar, hija kellha tipproċedi b'aktar kawtela. Fil-fatt irriżulta li l-parte civile presenzjat ruħha aktar tard matul dik is-seduta, ċjoe fis-1400 – ċjoe f'ħin li kien aktar konsoni u verosimili maż-żamma ta' seduti ordinarji.

7. Biss barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali għandu raġun jilmenta minħabba l-fatt li din il-proċedura, ġiet eżerċitata mill-Pulizija Eżekuttiva *ex officio* u b'hekk ir-rimedju li kellha l-Qorti tal-Maġistrati ma kienx li mal-ewwel talba tad-Difiża għall-liberatorja taderixxi u tillibera lill-imputat minħabba nuqqas ta' provi. F'dan

il-każ jirriżulta li l-parte civile kienet xhud tal-Prosekuzzjoni u hija kienet debitament notifikata għas-seduta personalment. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati kellha tivverifikata r-referta ta din ix-xhud - li perġunta kienet parte civile – u f'każ li kienet pożittiva, il-Qorti tal-Maġistrati kellha almenu tikkonċedi differiment waħdieni u, jekk ikun il-każ, tapplika fil-konfront tagħha d-disposizzjonijiet tal-artikolu 441(4) tal-Kodiċi Kriminali.[1]

8. Huwa minnu li ma jirriżultax li l-Prosekuzzjoni insistiet mal-Qorti sabiex jiġi verbalizzat li din ix-xhud kienet xhud indispensabbli għall-każ tagħha. Mill-banda l-oħra l-anqas ma jirriżulta mill-atti li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat il-provi tagħha bħala magħluqin. L-anqas ma jirriżulta li l-Prosekuzzjoni għamlet xi dikjarazzjoni fejn kienet qegħda tirrinunzja għal din ix-xhud. Jew il-Prosekuzzjoni baqgħet siekta, jew jekk tkelmet, dak li qalet ma ġiex verbalizzat.[2]

9. Jibqa' l-fatt li f'dan il-każ, it-tieni seduta kienet ġiet konċessa mill-Qorti tal-Maġistrati probabbilment wara li fl-ewwel seduta, ċjoe dik tas-6 ta' Lulju 2020 l-avukat tad-Difiża ma kienx preżenti. Imbagħad meta fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 il-kawża issejħet fl-1037 kienet id-Difiża li (ġja aġevolata mid-differiment għal dik is-

[1] Ara f'dan is-sens l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Josephine Borg et*** deċiża fit-2 ta' Lulju 1990.

[2] Din il-Qorti tagħmilha ċara li huwa importanti għall-Prosekuzzjoni li, meta tqis li għandha xhud li jkun indispensabbli għall-każ tagħha, għandha tivverbalizza espressament u fi kliem sempliċi fl-atti tal-kawża l-fatt li hija tkun qed tinsisti għal dan ix-xhud, li bl-ebda mod ma tkun qegħda tirrinunzja għalih, kif ukoll li ġaladarba jkun xhud debitament notifikat bid-data u l-ħin tas-seduta (korretti) li jkun hemm differiment waħdieni sabiex dan ix-xhud jinġieb fit-termini tal-artikolu 441(4) tal-Kodiċi Kriminali. Altrimenti l-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh biss fuq il-fatt li hija ma tkunx irrinunzjat għal dak ix-xhud. Il-Prosekuzzjoni trid tkun attiva u pro-attiva u mhux retroattiva billi imbagħad tirrikorri għal xi rikors tal-appell quddiem din il-Qorti.

seduta) ħadet l-opportunita biex fl-assenza tal-parte civile debitament notifikata għas-0200 titlob lil Qorti tgħaddi għall-liberatorja. Bid-dovut rispett din il-Qorti ma taqbilx ma din il-posizzjoni assunta mill-Qorti f'dan il-kwadru ċirkostanzjali partikolari li seħħ f'dan il-każ.

10. Din il-Qorti jidhirlha li f'dak il-kuntest il-Qorti tal-Maġistrati kellha jew tagħti l-benefiċċju tal-iżball amministrattiv tagħha li tindika l-ħin korrett u tippostponi s-seduta sabiex tara jekk almenu l-parte civile tippresenzjax ruħha fil-ħin li kienet notifikata bih il-parte civile fis-seduta preċedenti - iżda din id-darba s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (1400) jew inkella almenu tiddifferixxi dik is-seduta għal udjenza waħdanija oħra f'data u ħin li jkollhom jiġu notifikati lill-partijiet. Iżda d-deċiżjoni li tilqa' t-talba għall-liberatorja f'dan il-kwadru ċirkostanzjali ma kienx proċeduralment korrett.

# *Deċide*

Għaldasqstant, għall-motivi premessi, dil-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar is-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex dik il-Qorti tipproċedi biex tisma' l-kawża mill-ġdid skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***